MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 616/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**
**Vs**
**Duncan Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi nhar il- 25 ta' Ottubru 2009 sehh incident gewwa l-Mosta illi bhala konsegwenza tieghu l-vettura Mini Cooper bin-numru ta' registrazzjoni GBH-357 propjeta' ta' Daniela Mizzi, u assikurata taht polza t' assikurazzjoni comprehensive mas-socjeta' attrici, soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala rizultat ta' Duncan Mizzi li volontarjament ikkaguna hsarat f'din il-vettura u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni; Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament tort u htija ta' Duncan Mizzi li bla raguni kisser u ghamel hsara f'din il-vettura; illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro u hamsa u disghajn centezmu (€1241.95)

rapprezentanti s-somma illi l-atturi hallsu in konnessjoni ma' dan l-incident ghat-tiswija tal-vettura; bl-ispejjez inkuz dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta' Jannar, 2011, u kontra l-konvenut, illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Ra r-risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa illi l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija nsostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-istess azzjoni hija inammessibbli fil-ligi ghar-ragunijiet segwenti: illi ladarba l-konvenut u l-imsemmija attrici Daniela Cauchi huma mizzewwgin, id-drittijiet naxxenti mill-patrimonju taghhom jappartjeni lilhom komunament. Dawn id-drittijiet jinkludu dawk kollha illi fuqhom hija msejsa l-azzjoni tas-socjeta' attrici u cioe', id-dritt ta' propjeta' tal-vettura GBH-357, id-dritt ta' kumpens ghal hsarat ghal din il-vettura u d-drittijiet naxxenti mill-polza t'assikurazzjoni mahruga mill-attrici nomine. Fi kliem iehor, is-socjeta' attrici giet issurrogata fi drittijiet li jappartjenu lill-ecipjent u qeghda tipprova b'din l-azzjoni tezercita d-drittijiet tal-ecipjent kontra tieghu stess; illi l-mizzewgin ma ghandhomx dritt t'azzjoni ghal kumpens ghall-hsarat li jista' jigi ezercitat separatament minn kawza ta' separazzjoni ta' gid komuni. Id-drittijiet illi s-socjeta' attrici timagina li tinsab surrogate fihom, ma jezistux; illi similarment, u kif gja inghad, l-attrici ma tipposjedi ebda dritt t'azzjoni ta' danni kontra l-ecipjent. L-azzjonijiet bejn il-mizzewgin huma dawk mahsuba specifikament fil-ligi u jigu kollha ezercitati quddiem il-Qrati Superjuri generalment wara awtorizzazzjoni; bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Daniela Mizzi prodotta mis-socjeta' attrici;
Sema' x-xhieda ta' Duncan Mizzi;
Ra d-dokumenti u l-atti kollha;
Ra l-verbal tal-11 t'Ottubru 2012 fejn it-talba thalliet ghas-sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni.

Mill-provi jirrizulta li Duncan Mizzi u Daniela Mizzi huma mizzewwgin u ghadejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Illi il-karozza GBH-357 tat-tip Mini Cooper tinsaq minn Daniela Mizzi u hija registrata f'ísimha. Din il-vettura hi

assikurata mas-socjeta' attrici bhala *comprehensive*. Illi Duncan Mizzi wettaq hsara fuq il-vettura billi ta' bis-sieq lill-vettura u sahansitra kisser il-mirja taghha[1]. Daniela Mizzi kienet ghamlet *claim* ma' Gasan Mamo Insurance ghall-hsara li wettaq Duncan Mizzi u l-assikurazzjoni kienet hallset is-somma ta' elf ewro (€1,000) ghat-tiswija tal-vettura. Illi ghalkemm obliga ruhu ihallas ghad-danni dan ma hallasx.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jidetermina jekk l-azzjoni *'de quo'* hija inammissibli o meno u dana minhabba l-fatt li l-konvenut Duncan Mizzi u Daniela Mizzi huma mizzewgin. Hareg mill-provi illi l-partijiet ghalkemm ghadejjin minn procedura ta' separazzjoni ghadhom mizewwgin. Hareg ukoll mill-provi illi huma qatt m'ghamlu kuntratt ta' zwieg u ghalhekk tezisti il-kommunjoni tal-akkwisti[2]. It-Tribunal jaghmel riferenza ghall-artikolu 1316 tal-Kodici Civili kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-applikazzjoni tar-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti : "*1316. (1) Iz-zwieġ li jsir f'Malta igib ipso jure bejn il-mizzewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim."*

Hareg ukoll mill-provi li l-vettura hija registrata fuq isem il-mara pero' nxtrat matul iz-zwieg u ghalhekk tappartjeni l-kommunijoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.

Fil-kaz *de quo* l-partijiet huma separati *de facto*, pero' sal-lum m'ghandhomx separazzjoni hekk kif titlob il-ligi. L-artiklu 1319 jghid is-segwenti : *Il-jedd ta' kull parti mizzewga ghall-komunjoni tal-akkwisti jibda, bla hsara ta' xi disposizzjoni ohra tal-ligi, minn dak inhar taz-zwieg u jispicca malli jinhall iz-zwieg.*

Ghalhekk johrog illi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet vis-a-vis il-kommunjoni jispiccaw biss malli jinhall iz-zwieg, li fil-kaz odjern ma huwiex il-kaz.

[1] Ara xhieda ta Dincan Mizzi a fol 17, xhieda ta Daniela Mizzi a fol 22 tal-process u sentenza tal_qorti tal-magistrati Mag.Dr. A. Vella Pulizija v Duncan Mizzi 27/5/2010
[2] Ara xhieda ta Daniela Mizzi a fol 22 u Diuncan Mizzi a fol 17

Illi fit-talba odjerna l-asskirazzjoni attrici ssurrogat ruhha fid-drittiijet tal-assikurata u cioe' Daniela Mizzi. It-Tribunal huwa tal-fehma illi d-dritt ta' propjeta' tal-vettura tat-talba *de quo*, id-dritt ghall-kumpens ghal hsarat mwettqa fuq il-vettura u ghalhekk ukoll d-drittijiet naxxenti mill-polza t'assikurazzjoni ghalkemm fuq isem il-mara biss kollha jappartjenu lill-mizewwgin Mizzi kommunament. Ghalhekk b'mod semplici l-assikurazzjoni nomine dahlet fid-drittijiet tal-mara kontra r-ragel taghha fir-rigward ta' hsara maghmula fuq propjeta' tal-kommujoni tal-akkwisti – haga li ma jistax jsehh gjaladarba Daniela Mizzi ghadha mizewwga ma' Duncan Mizzi.

Illi huwa pacifiku illi l-azzjonijet bejn mizewwgin ghandhom biss jigu ezercitati fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-assikurazzjoni attrici ma setghat qatt tissurroga ruha kontra l-intimat ghaliex azzjoniet fuq patrimonju tal-kommunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu ezercitati bejn il-mizewwgin biss quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut billi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u dan bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------